Id-destinazzjoni trid turi miżuri konkreti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, inkluż l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

– Preservazzjoni tar-Riżorsi Naturali:

Id-destinazzjoni jrid ikollha programmi għall-konservazzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u tal-bijodiversità, inkluża l-protezzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi.

– Ġestjoni tal-Iskart:

Id-destinazzjoni jrid ikollha fis-seħħ sistemi għar-riċiklaġġ u għat-tnaqqis tal-iskart, inklużi programmi għat-tnaqqis tal-plastik u miżuri oħra li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tat-turiżmu.

3. Kriterji Ekonomiċi:

– Appoġġ għall-Ekonomija Lokali:

Id-destinazzjoni trid turi kif tappoġġa lill-intraprendituri lokali u l-ekonomija, inkluż l-użu ta' prodotti u servizzi lokali.

– Żvilupp Sostenibbli:

Id-destinazzjoni jrid ikollha strateġiji ta' żvilupp sostenibbli li jinkludu pjanijiet fit-tul għat-ktabbir ekonomiku mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent u lis-soċjetà.

4. Kriterji Soċjali:

– Kultura u Tradizzjoni:

Id-destinazzjoni trid tippreserva u tippromwovi l-kultura u t-tradizzjoni lokali, inkluż appoġġ għall-eventi kulturali u għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

– Appoġġ għall-Popolazzjoni Lokali:

Id-destinazzjoni trid turi li t-turiżmu ma għandux impatt negattiv fuq il-ħajja tar-residenti lokali, inkluż is-sodisfazzjon bl-iżvilupp tat-turiżmu fiż-żona.

Il-baġit involut fit-tfassil ta' dan il-premjju se jkopri:

- id-definizzjoni tal-marka għall-Premju Speċjali;
- id-definizzjoni tal-kriterji eżatti tal-għażla u tal-premjju;

- l-ikkuntrattar ta' esperti indipendenti biex jevalwaw l-applikazzjonijiet u joffru lista qasira lill-Ġurija Ewropea;
- id-disinn u l-produzzjoni tat-trofew għar-rebbieħa tal-2028 u l-2029;
- appoġġ lir-rebbieħa bħala parti mill-premjju (ir-rebbieħa jiġu offruti appoġġ bir-relazzjonijiet pubbliċi u l-komunikazzjoni minn aġenzija internazzjonali speċjalizzata fir-relazzjonijiet pubbliċi biex tiżied il-viżibbiltà tad-destinazzjoni tagħhom u tal-premjju);
- il-kopertura tal-ispejjeż kollha rimborżabbli għar-rebbieħa relatati ma' vjaġġar, parteċipazzjoni ffieri kummerċjali, f'eventi internazzjonali, f'sessjonijiet ta' ħidma, fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni u f'press trips bħala parti mill-premjju.

Nota: Il-baġit ta' dan il-proġett pilota ma għandux jintuża biex ikopri l-organizzazzjoni taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni ospitata mill-Parlament Ewropew.

Partita PP 03 26 02 — Proġett pilota — Promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju fl-Unjoni

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 500 000	1 250 000			2 500 000	625 000

Kummenti:

L-għan tal-proġett pilota huwa li tiġi vvalutata l-vijabbiltà ta' programm ġdid għall-finanzjament ta' inizjattivi li speċifikament jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet sodi dwar l-investment (jiġifieri li jkollhom għarfien Prattiku dwar l-investment). Dan jallinja mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (il-Komunikazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti) tad-19 ta' Marzu 2025. Il-proġett pilota jfittex li jesplora approċċi ġodda biex jindirizza lakuna kritika li bħalissa ma tistax tiġi indirizzata permezz tal-programmi eżistenti tal-UE. L-objettiv ta' dan il-proġett pilota huwa li jiġu żviluppatti approċċi innovattivi li jestendu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm tas-Suq Uniku, ta' Erasmus+ u tal-Fond Soċjali Ewropew Plus attwali, u li jiġu ttestjati l-fattibbiltà u l-utilità ta' tali approċċi li jistgħu jiġu żviluppatti aktar permezz ta' estensjoni jew reviżjoni ta' dawn il-programmi fl-ambitu tal-QFP li jmiss.

Il-proġett pilota jimla lakuna billi huwa mmirat lejn it-titjib tal-kapaċitajiet ta' investment taċ-ċittadini tal-UE, u b'hekk jiffoka fuq it-tisħiħ tal-għarfien Prattiku tal-popolazzjoni ġenerali dwar l-investment u jżid il-parteċipazzjoni bl-imnut fis-swieq kapitali. L-ebda programm eżistenti tal-UE ma jiffoka speċifikament fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fis-swieq kapitali u l-iżgurar li daww li jixtiequ jipparteċipaw jingħataw il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet sodi u infurmati.

- Erasmus+ jiffoka fuq it-titjib tal-edukazzjoni u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet edukattivi, inklużi t-tagħlim tul il-ħajja u l-involviment taż-żgħażaġh. Għalkemm Erasmus+ jappoġġa inizjattivi edukattivi, dan mhux immirat lejn il-litteriżmu finanzjarju relatat mal-ħiliet ta' investment. L-aġenda edukattiva wiesgħa tiegħu hija nieqsa minn enfasi speċjalizzata biex iċ-ċittadini jiġu mgħammra bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jinnavigaw u jinvestu fis-swieq kapitali b'mod kunfidenti.
- Il-Fond Soċjali Ewropew Plus għandu l-għan li jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jappoġġa gruppi vulnerabbli bħal individwi b'introjt baxx u qiegħda. Filwaqt li l-FSE+ jindirizza l-inklużjoni soċjali u ekonomika, ma jipprevedix inizjattivi mmirati għall-iżvilupp tal-għarfien Prattiku tal-popolazzjoni ġenerali dwar l-investment. L-enfasi tiegħu fuq l-appoġġ soċjali u l-impjiegi ma testendix għat-trawwim ta' fehim tal-prodotti ta' investment jew tal-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fis-swieq kapitali.

- Fl-aħħar nett, il-Programm tas-Suq Uniku jindirizza primarjament l-edukazzjoni tal-konsumatur, filwaqt li jiżgura li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala konsumaturi tas-servizzi finanzjarji. Filwaqt li l-Programm tas-Suq Uniku jrawwem is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, ma għandux l-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċittadini biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-swieq kapitali bħala investituri.

Dan il-proġett pilota jinsab f'pożizzjoni unika biex jimla din il-lakuna billi joffri sensibilizzazzjoni u gwida mmirati dwar il-litteriżmu fl-investment. Għall-kuntrarju tal-programmi eżistenti, jiffoka fuq it-tiżni tal-fehim taċ-ċittadini dwar l-opportunitajiet, ir-riskji u l-benefiċċji tal-investment, filwaqt li jippromwovi l-parteciċipazzjoni attiva fis-swieq kapitali. Jiffoka fuq kwistjonijiet bħall-ispejjeż u l-prestazzjoni tal-prodotti finanzjarji, il-gwida u r-rwol tal-intermedjarji.

Il-proġett pilota jittestja wkoll modi innovattivi biex jiġu spjegati r-riskji u l-benefiċċji tal-investment (inklużi r-riskji finanzjarji, l-iscams u l-frodi, eċċ.) u b'hekk ihegġegħ lill-konsumaturi jinvestu b'mod responsabbli u jipparteċipaw fis-swieq kapitali filwaqt li jqisu l-kumplessità u ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-swieq u l-prodotti finanzjarji (eż. il-kriptoassi, it-tokens mhux funġibbli, eċċ.).

Il-proġett pilota jkollu fil-mira kuntesti nazzjonali speċifiċi, u għalhekk ma jagħtix mandat għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali, biex b'hekk imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' programmi oħra tal-Kummissjoni bħall-FSE+ u Erasmus+ (inkluż l-binariju ta' innovazzjoni soċjali tiegħu "EaSI").

Minbarra li jappoġġa direttament it-titjib tal-litteriżmu finanzjarju tal-investment, il-proġett pilota jista' jittestja wkoll modi biex jiżded l-impatt tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu lejn il-protezzjoni tal-investituri bl-immnut, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-investituri jew l-assoċjazzjonijiet tal-azzjonisti, jew l-awtoritajiet finanzjarji.

L-approċċ innovattiv jista' jiġi żgurat permezz tal-inizjattivi li ġejjin:

1. Sensibilizzazzjoni u gwida dwar l-investment:

- Jiġu żviluppati programmi, inizjattivi u siti web edukattivi mfasla apposta li jiffukaw fuq l-għarfien dwar l-investment, inklużi prodotti finanzjarji bażiċi, ir-rwol tal-intermedjarji u l-fehim tar-riskji u l-benefiċċji assoċjati mal-investmenti;
- Issir enfasi fuq il-prodotti finanzjarji diġitali bħall-kriptoassi u t-tokens mhux funġibbli biex jitwettaq adattament għax-xenarju dejjem aktar diġitali tas-swieq finanzjarji.

2. Ambaxxaturi tal-litteriżmu fl-investment:

- Jiġi stabbilit u jinżamm network ta' "ambaxxaturi tal-litteriżmu fl-investment" ikkwalfikati sew fis-27 Stat Membru kollha. Dawn il-personalitajiet pubbliċi jippromwovu l-litteriżmu fl-investment u jinvolvu ruħhom mal-pubbliku permezz ta' diversi kanali, inklużi l-media mainstream (it-televiżjoni, ir-radju, il-gazzetti, eċċ.).
- Jingħata appoġġ lill-ambaxxaturi b'riżorsi biex ikopru l-ħidma *pro bono* tagħhom, inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni, bħat-tnejjja ta' materjali tematiċi dwar il-litteriżmu fl-investment u s-sensibilizzazzjoni dwaru użati fil-ħidma ta' promozzjoni tagħhom.

3. Involvement tal-komunità

- L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi tal-muniċipalitajiet, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-ħaddiema jiġu inkorraguti u appoġġati u ssir kollaborazzjoni magħhom biex jiġu żgurati litteriżmu fl-investment, programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-investment u gwida għall-investment imfasla apposta. Dan jeskludi rekwiżiti tranżnazzjonali biex l-enfasi tkun fuq l-impatt u r-rilevanza fil-livell lokali.

Artikolu PP 04 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				6 000 000	3 000 000			6 000 000	1 500 000

Partita PP 04 26 01 — Proġett pilota — Tfiitxija u Salvataġġ tal-UE (SAR) 2.0

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

Is-servizz Ewropew ta' Tfiitxija u Salvataġġ (SAR)/Galileo, kontributor ewlieni għas-servizz pubbliku dinji tas-SAR Cospas-Sarsat, għandu rekord twil ta' suċċess fid-detezzjoni u l-lokalizzazzjoni ta' persuni f'diffikultà. Madankollu, iż-żieda ta' kumpaniji privati li joffru jew jistgħu joffru notifiki privati ta' twissija ta' emerġenza toħloq kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet għas-SAR/Galileo u s-sistema Cospas-Sarsat.

Il-kuntest ġeopolitiku attwali u l-istruttura ta' ġestjoni ta' Cospas-Sarsat (l-Istati Uniti, il-Kanada, ir-Russja u Franza) jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu esplorati approċċi ġodda u titwessa' l-perspettiva dwar is-servizzi tas-SAR/Galileo. Il-kumpaniji privati qed jinteraġixxu dejjem aktar maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ, li spiss huma entitajiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, biex jipprovdu servizzi ta' twissija. Madankollu, din il-multiplikazzjoni ta' inputs tiġġenera ostakli għaċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ fil-ġestjoni ta' dawn it-twissijiet, u tenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ aktar ikkoordinat. Barra minn hekk, l-atturi privati jistgħu ma joffrux stabbiltà fit-tul, peress li jistgħu jieqfu joperaw għal raġunijiet ekonomiċi jew politiċi, li jista' jikkomprometti l-kontinwità u/jew il-kwalità/l-effiċjenza tas-servizzi tas-SAR.

Bi tweġiba għal dawn ix-xejriet ta' evoluzzjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi approċċ evoluttiv għas-servizzi tas-SAR. L-ewwel nett, hija għandha żżomm l-impenn tagħha lejn Cospas-Sarsat fil-livell attwali, filwaqt li tiżgura appoġġ storiku u tintroduċi karatteristiċi ġodda bħall-attivazzjoni ta' beacon b'mod remot, il-komunikazzjoni bidirezzjonali, eċċ. fi struttura komplementari (għal Cospas-Sarsat). Dan l-approċċ jippermetti lill-UE tkompli tappoġġa s-sistema Cospas-Sarsat eżistenti filwaqt li tevita investimenti sinifikanti meħtieġa għall-promozzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-evoluzzjonijiet fis-sistema Cospas-Sarsat.

B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea għandha tesplora kunċetti ġodda għal servizz tassew Ewropew ta' Tfiitxija u Salvataġġ, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri tal-UE-27 (u l-Istati assoċjati mal-programm Galileo). Dan is-servizz ikun globali fil-kamp ta' applikazzjoni u jista' jinkorpora karatteristiċi ġodda, bħal kanali ta' komunikazzjoni multilaterali (many-to-many) imsaħħa, detezzjoni u lokalizzazzjoni mtejba tal-perikli, u segmenti estiżi tal-utenti.

Bl-iżvilupp ta' ekosistema komprensiva tas-SAR tal-UE, li tibni fuq inizzjattivi u programmi eżistenti tal-UE bħas-SAR/Galileo u SafeSeaNet, l-UE tista' tiffaċilita l-integrazzjoni bla xkiel ta' diversi servizzi ta' notifika ta' emerġenza, filwaqt li ssib bilanċ bejn il-kooperazzjoni ma' atturi privati u l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dan l-isforz għandu l-għan li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tal-UE u għar-rispondenti tas-SAR, u fl-aħħar mill-aħħar isalva l-ħajjiet u jnaqqas l-impatt tal-kriżijiet.

L-UE għandha trawwem ukoll kultura ta' kollaborazzjoni billi tikkondividi s-servizzi l-ġodda tagħha tas-SAR ma' sħab internazzjonali affidabbli u tal-istess fehma, biex tiżgura rispons globali koordinat u effettiv għas-SAR.

Partita PP 04 26 02 — Protezzjoni tal-assi kritiċi spazjali tal-UE

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Kummenti:

L-interferenzi fil-frekwenza tar-radju li jaffettwaw is-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), bħal Galileo, huma tħassib dejjem akbar li għandhom impatt fuq l-operazzjonijiet ta' kuljum f'infrastrutturi u servizzi kritiċi, inkluża l-avjazzjoni ċivili. Id-dipendenza dejjem akbar fuq il-GNSS għall-applikazzjonijiet ta' pożizzjonament, navigazzjoni u sinkronizzazzjoni (PNT) ħolqot tħtieġa għal strateġiji effettivi ta' monitoraġġ u mitigazzjoni tal-interferenzi fil-frekwenza tar-radju. Saret sejħa għal Servizz ta' Monitoraġġ tal-Interferenzi fil-Frekwenza tar-Radju tal-GNSS tal-UE mill-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

L-objettiv primarju ta' dan il-proġett pilota huwa li jfassal u jiżviluppa prototip li jintegra u janalizza metrika relatata mal-interferenzi fil-frekwenza tar-radju minn firxa varjata ta' sorsi ta' data, inklużi kemm settijiet ta' data b'sors miftuħ kif ukoll kummerċjali. Dan l-approċċ komprensiv se jipprovdi perspettiva unifikata tal-interferenzi tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) madwar l-Ewropa, bl-isfruttament ta' data minn diversi sorsi.

Komponent kruċjali tal-prototip se jkun l-applikazzjoni ta' analitika avvanzata tal-big data u algoritmi ta' tagħlim awtomatiku biex jiġu fużi u analizzati d-diversi flussi ta' data minn sorsi multipli.

Billi tiġi sfruttata s-saħħa tal-big data u tat-tagħlim awtomatiku, il-prototip se jipprovdi qafas robust u skalabbli għall-monitoraġġ tal-interferenzi fil-frekwenza tar-radju, li jippermetti l-iżvilupp ta' mudelli ta' tħassir u strateġiji ta' mitigazzjoni proattivi.

Il-proġett pilota se jwitti t-triq għall-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ tal-interferenzi fil-frekwenza tar-radju komprensiva u mifruxa mal-Ewropa kollha, b'titjib tal-affidabbiltà tal-jikkontribwixxi għal Unjoni Ewropea aktar sikura, aktar sigura u aktar reżiljenti.

Partita PP 07 25 01 — Proġett pilota — Intejbu l-koeżjoni soċjali biex niġġieldu d-diskors pubbliku polarizzat

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	392 500	p.m.	392 500	1 500 000	1 142 500	p.m.	392 500	1 500 000	767 500

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

Eżitu mistenni:

Id-demokrazija hija sostenibbli fl-era tan-nuqqas ta' fiduċja u tal-polarizzazzjoni? Iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda, fil-miżinformazzjoni u fil-bżieġaq ta' filtri qed tiżra ż-żerriegħa tal-iskuntentizza u l-esklużjoni soċjali. Id-dinamika tidher li tassew hija valanga li impossibbli li titwaqqaf, bi gruppi żgħar iżda vokali marġinali li jinnettaw fehmiet estremi fid-diskors pubbliku. Għal dik ir-raġuni, il-prevenzjoni u l-monitoraġġ aħjar tad-diskors politiku estrem online għandhom jittejjew, filwaqt li tiġi ppreservata l-libertà tal-kelma. Dan jista' jsir billi jiġi mmappjat id-diskors tal-opinjoni pubblika attwali fuq il-media soċjali dwar kwistjonijiet politiċi importanti. Billi niċċekkjaw l-użu tal-lingwa tar-rappreżentanti eletti, nistgħu nimmappjaw ix-xenarju tad-diskors politiku u naraw x'inhuma l-aktar termini u kwistjonijiet li jipolarizzaw. Bl-użu ta' analiżi tas-sentimenti, nistgħu nittestjaw jekk il-lingwa użata mir-rappreżentanti eletti tipprovdi jew tattakkax

rappreżentanti oħra u nimmonitorjaw il-firxa tal-kampanja ta' malafama fil-PE u f'parlamenti nazzjonali magħżula. Minn dan, diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-UE jistgħu jiġu abbozzati u adattati, sabiex ikopru kampjun ta' Stati Membri, forsi dawk fejn tiġi reġistrata polarizzazzjoni akbar.

Ambitu:

1. Li jinħoloq mudell ta' tagħlim awtomatiku. APOLLO: Analiżi tal-Lingwa tal-Opinjoni Politika bit-Tagħlim Online;
2. Li l-mudell jitħarreġ f'lingwi differenti mill-Ingliš (sa 5);
3. L-ippjanar ta' web scrape bir-reqqa tal-media soċjali ewlenija (kummenti fuq YouTube, X, Instagram, Facebook, TikTok, eċċ.), u fejn ikun bżonn isir ħlas għall-iscraping;
4. Li jitwettagħ sħarriġ online biex jinġabru dawk li wiegħbu u jiġu identifikati l-preferenzi politiċi tagħhom u jekk issegwux xi politiċi jew personalitajiet pubbliċi fuq il-media soċjali, u jiġu identifikati dawk li jinvolvu ruħhom l-aktar fuq il-media soċjali. Potenzjalment, l-istħarriġ isir f'SubReddits rilevanti li jittrattaw il-politika Ewropea. Ir-Reddit jista' jagħti għarfien interessanti dwar il-komunitajiet periferiċi wkoll, billi jidentifika s-"superspreaders" ta' miżinformazzjoni;
5. Fl-ambitu tar-regoli tal-GDPR, scraping l-attività tar-rappreżentanti eletti (dejjem anonimizata) fuq il-media soċjali, kif ukoll tal-kummenti u t-tweġibiet u, fuq suġġetti popolari, isir scraping tal-kummenti u t-tweġibiet fil-media stabbilita (eż. The Irish Times, Politico, Il Corriere, Le Monde, eċċ.);
6. Bl-amalgamazzjoni taż-żewġ settijiet ta' data, jiġu identifikati korrelazzjonijiet bejn il-lingwa politika, il-politiċi segwiti u s-sentiment ta' esklużjoni soċjali, u jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjoekonomiċi bħan-nuqqas ta' sigurtà ekonomika u tal-impjiegi.

Partita PP 07 25 02 — Proġett pilota — Xogħol preparatorju għal strutturi ta' konsulenza għall-appoġġ ta' ħaddiema migranti mobbli

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	300 000	p.m.	300 000	1 200 000	900 000	p.m.	300 000	1 200 000	600 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Ix-xogħol mobbli tal-migranti sar parti strutturali mis-swieq tax-xogħol nazzjonali fl-Istati Membri kollha. Huwa mistenni li dan il-fenomeno se jkompli jikber. Fl-isfond ta' nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema u politiki ta' reklutaġġ immirati, hemm evidenza li se tiżdied ukoll il-mobbiltà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu temporanjament fl-Unjoni. Spiss attivi f'setturi essenzjali, il-ħaddiema migranti mobbli huma kruċjali għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Fl-istess ħin, madankollu, il-ħaddiema li jiġu stazzjonati jew li jibdeu jaħdmu għal perjodu qasir ta' żmien, jirrappreżentaw grupp vulnerabbli ħafna ta' ħaddiema u s-sitwazzjoni tagħhom spiss tkun prekarja. Fid-dawl tal-kumplessità tas-sitwazzjonijiet tax-xogħol tranżnazzjonali u minħabba nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi u għarfien tar-regoli applikabbli, mhuwix faċli għal dawn il-ħaddiema li jgawdu u jiddefendu d-drittijiet tagħhom waħedhom. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-isfruttament strutturali tal-ħaddiema jipprevjenu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, jimminaw l-isforzi futuri ta' reklutaġġ u l-kompetizzjoni ġusta. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol nediet varjetà ta' miżuri u kampanji biex tiġbed l-attenzjoni għal setturi u gruppi ta' impjiegi partikolarment affettwati, bħall-ħaddiema staġjonali, is-sewwieqa professjonali u l-grupp dejjem jikber ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati. Madankollu, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ma tistax toffri appoġġ individwalizzat għal dawk il-

gruppi fil-mira. Għalhekk, l-istrutturi ta' konsulenza u appoġġ tranżnazzjonali relatati mat-trade unions immirati lejn il-ħaddiema migranti mobbli jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-promozzjoni ta' mobbiltà tal-ħaddiema u migrazzjoni ġusti kif minqax fl-acquis soċjali tal-Unjoni u kkonfermat fid-Dikjarazzjoni interistituzzjonali La Hulpe tal-2024 dwar il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Is-servizzi ta' konsulenza tranżnazzjonali mhux biss jagħtu għajjnuna individwali lill-ħaddiema, iżda jipprovdu wkoll għarfien importanti dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti mobbli fis-setturi ta' riskju, l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol Ewropew u forom ġodda ta' xejriet ta' impjiegi u mobbiltà. Barra minn hekk, l-informazzjoni individwali u l-konsulenza tal-ħaddiema huma komplementi importanti għall-attivitajiet ta' infurzar, bħall-ispezzjonijiet tax-xogħol.

Is-suġġett tal-proġett pilota huwa riċerka xjentifika dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti mobbli u l-impatt tal-istrutturi ta' konsulenza ta' assistenza fuq dawn il-gruppi fil-mira. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-setturi ta' riskju bħat-trasport internazzjonali bit-triq, ix-xogħol staġjonali fl-industrija tal-lukandi u tal-catering kif ukoll fl-agrikoltura, fis-settur tal-kostruzzjoni u fil-grupp dejjem jikber ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati. Element ewlieni tal-istudju għandu jkun il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' strutturi eżistenti ta' konsulenza fil-pajjiżi ta' oriġini u fil-pajjiżi ta' destinazzjoni. Sabiex tiġi żgurata r-rappreżentattività tal-monitoraġġ u sabiex l-evalwazzjoni tiffirma rakkomandazzjonijiet operazzjonali, parti sinifikanti tal-proġett pilota se tkun li jitmexxa network ta' konsulenza tranżnazzjonali relatat mat-trade unions (mill-anqas seba' pajjiżi fl-ewwel sena, li gradwalment jiġu estiżi). In-network għandu jinkludi wkoll 1-3 pajjiżi kandidati jew pajjiżi terzi oħra fl-Ewropa bħall-Bożnija-Ħerzegovina, l-Albanija jew il-Kosovo. Il-gruppi ewlenin fil-mira tal-konsulenza huma l-ħaddiema migranti mobbli għal żmien qasir. Iċ-ċentri ta' konsulenza għandhom jiġu appoġġjati fl-iżvilupp, fil-ħidma ta' konsulenza u fin-networking tranżnazzjonali tagħhom permezz ta' koordinazzjoni. It-twaqqif ta' ċentri ġodda ta' konsulenza għandu jiġi appoġġjat minn miżuri mmirati biex jibnu l-kapaċità.

L-istudju xjentifiku għandu jinkludi riċerka speċifika għall-pajjiż u intervisti ma' esperti fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol mobbli tal-migranti fis-setturi ta' riskju u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati. Bħala parti mir-riċerka, għandhom jiġu identifikati s-servizzi ta' konsulenza eżistenti għall-gruppi fil-mira u għandhom jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet (speċifiċi għas-settur) għall-konsulenza u l-appoġġ. Se jsir skambju regolari mal-ELA u mar-rappreżentanti tas-setturi affettwati matul id-durata tal-proġett pilota.

L-eżitu tal-proġett pilota se jipprovdi analiżi tas-sitwazzjoni u l-isfidi esperjenzati minn ħaddiema migranti mobbli f'setturi ta' riskju u ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati fis-suq tax-xogħol Ewropew, li għandhom jiġu indirizzati konkretament b'mod parallel permezz tal-implimentazzjoni Prattika u l-espansjoni ta' network ta' konsulenza tranżnazzjonali. Barra minn hekk, se jiġu żviluppati evalwazzjoni tas-servizzi ta' konsulenza eżistenti għall-gruppi fil-mira u mmappjar tal-ħtiġijiet (speċifiċi għas-settur) għas-servizzi ta' konsulenza. Abbażi tas-sejbiet tal-istudju, se jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet għat-tnejn ta' inizjattiva ddedikata għall-finanzjament fit-tul u għall-istabbiliment ta' network Ewropew ta' konsulenza għall-ħaddiema migranti mobbli. Ir-riżultati tal-proġett pilota se jiġu ppreżentati u diskussi f'konferenza finali fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jibbenefikaw kontinwament mir-riżultati tal-proġett pilota, ir-riżultati interim se jiġu ppreżentati u diskussi f'konferenza ta' nofs il-proġett.

Artikolu PP 07 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Partita PP 07 26 01 — Proġett pilota — Salvagwardja tal-Wirt b'Orġini Diġitali tal-Ewropa

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

Il-protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew u l-aċċess għalih ġew affermati mill-ġdid bħala prijorità tal-Unjoni Ewropea mill-Kummissarju Micallef u se jkunu parti mill-Boxxla Kulturali usa' mwiegħda mill-Kummissjoni. Il-wirt b'oriġini diġitali huwa parti mill-Wirt Kulturali tal-Ewropa, li jirrappreżenta parti dinamika u dejjem aktar importanti tal-arkivji usa' storiċi, speċjalment fid-dawl tal-opportunitajiet li joffri biex jitfaċċaw u jinstemgħu vuċijiet ġodda u diversi.

Għall-fini ta' dan il-proġett pilota, il-wirt b'oriġini diġitali jinvolvi materjali li oriġinarjament inħolqu f'formati diġitali u li ma għandhomx ekwivalenti fiżiċi. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' testi, imagnijiet u/jew ħsejjes. Eżempji ewlenin tal-wirt b'oriġini diġitali jinkludu eBooks, ġurnali elettroniċi, media online, blogs, websajts, loġhob tal-vidjo u aktar, li kollha jista' jkollhom valur sinifikanti għal riċerkaturi futuri. Barra minn hekk, għall-fini ta' dan il-proġett pilota, l-istituzzjonijiet tal-wirt huma arkivji, libreriji, mużewijiet u organizzazzjonijiet edukattivi, kulturali u ta' riċerka oħrajn.

Saret enfasi estensiva – fil-liġi, il-finanzjament u l-kooperazzjoni kollha – biex jiġi pprovdut aċċess aktar b'saħħtu għal kopji diġitalizzati tal-wirt kulturali fiżiku. Fost l-oħrajn, id-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali (2019/790) tinkludi dispożizzjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni u dwar l-aċċess għal xogħlijiet li mhumiex fis-suq, ir-Rakkomandazzjoni dwar spazju komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali ((UE) 2021/1970) u l-ħidma relatata tal-Inizjattiva Europeana b'mod ġenerali għandhom l-għan li jinkoraġġixxu d-diġitalizzazzjoni u l-preservazzjoni diġitali u jiffaċilitaw il-fluss liberu tad-data dwar il-wirt kulturali. Barra minn hekk, il-Cloud tal-Wirt Kulturali se jiżviluppa għodod kollaborattivi diġitali speċifiċi għas-settur tal-wirt kulturali. Madankollu, dan huwa anqas il-każ fir-rigward tas-salvagwardja ta' materjali b'oriġini diġitali. Tipikament, dawn ma jkunux disponibbli fuq servers ta' istituzzjonijiet tal-wirt iżda pjuttost jiġu aċċessati b'mod remot, u għalhekk ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet attwali dwar il-preservazzjoni. Ħafna xogħlijiet jiffaċċjaw riskju kbir li sempliċement jisparixxu. It-tħassib huwa li sehem żgħir ħafna biss mill-materjal kulturali, tar-riċerka, tal-aħbarijiet u materjali oħra li qed isawru d-dinja tagħna llum se jirnexxielhom jaslu fid-dominju pubbliku.

Id-dispożizzjonijiet attwali fid-dritt tal-UE ma jipprovdwx ċarezza għall-istituzzjonijiet tal-wirt tal-Ewropa dwar il-possibiltajiet li jagħmlu kopji ta' preservazzjoni ta' materjal li jista' jiġi liċenzjat jew aċċessat legalment b'xi mod ieħor, iżda mhux akkwistat. Pereżempju, l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar is-Suq Uniku jippermetti biss il-preservazzjoni ta' xogħlijiet f'kollezzjoni permanenti ta' istituzzjoni, li jeskludi daww aċċessati biss fuq bażi temporanja. Il-progress lejn l-adattament tal-liġijiet dwar id-depożiti legali għall-era diġitali jew l-iffaċilitar tal-ħsad mill-Internet mhuwiex uniformi, għalkemm għaddejja esperimentazzjoni, bħal pereżempju l-ħidma tal-Koalizzjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tal-Internet.

Il-ħtieġa għal approċċ komprensiv għall-preservazzjoni hija ċara. Aċċidenti, fallimenti, obsolexxenza tal-format u sempliċement it-tħassir ta' materjali li jista' jkollhom valur storiku importanti iżda l-ebda valur ekonomiku għad-detentur ilkoll għandhom impatt. L-istorja reċenti turi li, sakemm il-kontenut diġitali ma jiġix salvagwardjat b'mod indipendenti, jista' faċilment jisparixxi minħabba pressjonijiet politiċi sakemm ma jittiddux miżuri xierqa. Tħassib dwar it-telf tal-wirt b'oriġini diġitali tagħna diġà ilu jagħti lok għal diskors dwar ħofra sewda tas-seklu 21 jew dwar era mudlama diġitali.

Fil-kuntest ta' ħidma usa' madwar il-Boxxla Kulturali, u qabel id-diskussjonijiet dwar il-preservazzjoni u l-aċċess ta' materjali b'oriġini diġitali, dan il-proġett pilota jista' għalhekk jikkontribwixxi għall-fehim tas-sitwazzjoni attwali u ta' triq 'il quddiem possibbli f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet t'hawn taħt. Dan kieku jaħdem ma' esperti fl-ispazju tad-data għall-wirt kulturali u jieħu vantaġġ mid-data u mill-oqfsa disponibbli bħal Europeana, kif ukoll mill-għarfien tekniku u legali rilevanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, fost l-oħrajn il-libreriji u l-arkivji.

– Il-valutazzjoni tas-sehem tal-wirt kulturali b'oriġini diġitali fl-Ewropa li qed jiġi ppreservat illum u kif dan jitqabbel ma' dak li (f'għajnejn il-professionisti) jeħtieġ li jiġi ppreservat.

– L-immappjar tal-istat tad-dritt dwar il-preservazzjoni tal-kontenut (liċenzjat) b'oriġini diġitali illum, u l-aċċess għal dan filwaqt li jitqiesu l-oqfsa eżistenti u l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa li jittrattaw il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u l-aċċess għalih, u billi jitqiesu wkoll l-oqfsa u l-inizjattivi eżistenti kif imsemmija hawn fuq.

– L-immappjar ta' fatturi oħra (mhux leġiżlattivi) li jistgħu jkunu qed jinfluwenzaw il-prattiki fir-rigward tal-preservazzjoni tal-wirt b'oriġini diġitali u l-aċċess għal dan.

– L-istabbiliment ta' suġġerimenti għal miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jistgħu jippermettu l-aħjar Prattiki madwar l-Ewropa.

Partita PP 07 26 02 — Proġett pilota — Mudell ta' Ekonomija Soċjali Intelliġenti fit-Turiżmu (Mogħdijiet fuq Distanzi Twal)

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jesplora l-vijabbiltà u l-adozzjoni soċjali ta' azzjonijiet imfassla biex jintegraw il-prinċipji tal-ekonomija soċjali fit-turiżmu filwaqt li jippromwovi l-komunitajiet lokali, il-valuri u t-tradizzjonijiet Ewropej u n-negożji sostenibbli, u jitnaqqas id-distakk bejn iż-żoni urbani u rurali. Il-proġett se jitwettaq f'diversi reġjuni madwar l-Ewropa, inklużi siti ta' wirt kulturali u naturali eċċezzjonali, bl-għan ukoll li tiżdied il-kapaċità tal-komunitajiet territorjali fil-livell Ewropew, filwaqt li tintuża l-esperjenza ta' mogħdijiet turistiċi eżistenti fuq distanzi twal. B'mod aktar speċifiku, il-proġett iħares b'mod sistemiku u 'l quddiem bl-użu tal-potenzjal tat-turiżmu li għandhom ir-reġjuni billi jiġu promossi prinċipji sostenibbli tat-turiżmu u tal-ekonomija soċjali fallinjament mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, l-avvanzi teknoloġiċi u l-istrateġiji tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li diġà jeżistu mogħdijiet fuq distanzi twal fl-UE, il-prinċipji u l-kapaċità tagħhom ma ġewx integrati b'mod sistematiku fl-oqfsa u l-fondi ta' politika tal-UE, u lanqas ma ġew imfassla apposta għal mudelli intelliġenti tal-ekonomija soċjali b'mod strutturat u replikabbli. Jeżistu mogħdijiet Ewropej għat-turisti fuq distanzi twal f'pajjiżi differenti madwar l-UE, inklużi Spanja (Camino de Santiago), il-Portugall (Rota Vicentina), l-Italja (Via Francigena), il-Greċja (Menalon Trail), ir-Rumanija (Via Transilvanica) u s-Slovenja (Juliana Trail). F'dan il-kuntest, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jesplora u jittestja l-potenzjal ekonomiku u soċjali ta' diversi mudelli ta' mogħdijiet fuq distanzi twal f'reġjuni differenti tal-UE.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jiżviluppa d-dimensjoni pan-Ewropea tal-ekonomija soċjali permezz ta' approċċ integrat u minn isfel għal fuq, ibbażat fuq esperjenzi komunitarji reali u li jistgħu jitkejlu ta' mogħdijiet turistiċi fuq distanzi twal. Il-proġett jiffoka fuq il-ktajjen tal-valur li jżommu l-benefiċċji ekonomiċi fil-komunitajiet rurali, filwaqt li jitravwem it-tkabbir inklużiv. Billi jallinja l-fornituri tal-ospitalità rurali ma' Prattiki sostenibbli, il-proġett isaħħaħ il-ktajjen tal-valur biex jiżgura t-trasparenza, l-impatt soċjali u r-reżiljenza tal-komunità fit-tul. Imfassal bħala pjan ta'

azzjoni pan-Ewropew, il-mudell jintegra l-oqfsa tal-UE u jiffaċilita l-iskambju tranżnazzjonali tal-għarfien biex jirreplika s-suċċess madwar l-Ewropa.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija, il-proġett pilota se jiżviluppa soluzzjonijiet diġitali bl-għan li jivvaluta l-fattibbiltà ta' pjattaforma pan-Ewropea futura u applikazzjoni mobbli mfassla biex taqdi lir-reġjuni Ewropej kollha konnessi minn mogħdijiet turistiċi fuq distanzi twal. Dawn is-soluzzjonijiet se jisfruttaw l-esperjenzi reali tal-ħajja tal-mudell tal-ekonomija soċjali billi jrawmu l-kollaborazzjoni fost il-komunitajiet lokali, l-intrapriżi soċjali u l-atturi tat-turiżmu sostenibbli. Barra minn hekk, il-proġett għandu jidentifika u jisfrutta l-inizjattivi ta' suċċess fil-livell lokali, l-għarfien u n-networks tal-ekonomija soċjali diġà fis-seħħ f'reġjuni speċifiċi. Dawn se jiġu skalati u replikati f'oqfsa oħra permezz ta' proċess strutturat ta' skambju tal-għarfien, taġħlim bejn il-pari u bini tal-kapaċità.

Dan se jipprovdi lill-utenti rilevanti b'informazzjoni komprensiva dwar il-mogħdijiet, aġġornamenti f'ħin reali, kontenut xprunat mill-komunità, taħriġ, kompetizzjonijiet tal-UE, opportunitajiet ta' investimenti, avvenimenti u għodod biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudell ekonomiku soċjali intelliġenti pan-Ewropew.

It-tagħlimiet miksuba minn dan il-proġett pilota se jappoġġaw l-espansjoni tal-pjattaforma għal mogħdijiet fuq distanzi twal u reġjuni Ewropej oħra, filwaqt li jiżguraw approċċ skalabbli u minn isfel għal fuq imsejjes fuq l-iżvilupp lokali. Biex tissaħħaħ din il-kapaċità fil-livell Ewropew, il-pjattaforma se ttiprovdi taħriġ fil-bini tal-kapaċità ta' mogħdijiet lokali, u se tnedi prova ta' Premju tal-UE għall-aħjar mogħdijiet fuq distanzi twal, attivitajiet u proġetti turistiċi. Il-proġett għalhekk se jappoġġa lill-intraprendituri soċjali rurali permezz ta' taħriġ, taġħlim bejn il-pari u inizjattivi ta' mentoraġġ. Billi jgħaqqad it-taħriġ, l-azzjonijiet pilota lokali, it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni diġitali, il-proġett jagħti s-setgħa lill-komunitajiet biex ifasslu servizzi tat-turiżmu inklużivi, isaħħu l-intrapriżi soċjali u jixprunaw it-tkabbir ekonomiku lokali sostenibbli.

Biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija, il-proġett pilota se: iwettaq riċerka kwalitattiva u kwantitattiva, iniedi u jimplimenta pilota fir-reġjuni differenti tal-UE, joħloq pjattaforma diġitali Ewropea u applikazzjoni mobbli, jittestja Premju tal-UE għall-aħjar mogħdijiet fuq distanzi twal, attivitajiet u proġetti turistiċi.

- Fażi 1: Riċerka. Matul din il-fażi, se titwettaq riċerka kwalitattiva u kwantitattiva biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tal-mogħdijiet turistiċi Ewropej fuq distanzi twal, iżda wkoll il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet minn perspettiva ta' ekonomija soċjali intelliġenti. Din se tiġi kkomplementata minn ġabra ta' rakkontar ta' stejjer minn ċittadini lokali u partijiet ikkonċernati, u analiżi tal-prattiki tal-ekonomija soċjali diġà eżistenti fosthom.
- Fażi 2: Jitnedew u jiġu implimentati azzjonijiet pilota madwar ir-reġjuni tal-UE, bl-użu tal-kapaċità lokali disponibbli. Din il-fażi se tittestja l-approċċi lokali għall-involviment tal-komunità, l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali, u s-servizzi tat-turiżmu f'ambjent tad-dinja reali.
 - Fażi 3: Żvilupp ta' Pjattaforma Diġitali u App. F'din il-fażi se jiġu żviluppjati għodod diġitali pilota biex jiġu ttestjati l-fattibbiltà u r-rilevanza ta' pjattaforma pan-Ewropea futura u applikazzjoni mobbli mfassla biex jaqdu lir-reġjuni Ewropej kollha konnessi permezz ta' mogħdijiet turistiċi fuq distanzi twal, inkluż taħriġ dwar il-bini tal-kapaċità ta' mogħdijiet lokali.
 - Fażi 4: Promozzjoni u Involviment tal-Komunità. Se jitnieda Premju tal-UE bi prova għall-aħjar mogħdijiet fuq distanzi twal, attivitajiet u proġetti turistiċi biex tiġi promossa l-espansjoni tal-pjattaforma għal mogħdijiet fuq distanzi twal u reġjuni Ewropej oħra.

Dak li jiddistingwi dan il-proġett pilota huwa l-enfasi unika tiegħu fuq l-użu u l-iżvilupp ta' mogħdijiet turistiċi fuq distanzi twal bħala katalisti għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv tat-turiżmu u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet, l-innovazzjoni soċjali u l-iskambju kulturali. Bl-

integrazzjoni ta' dawn il-mogħdijiet f'qafas diġitali Ewropew usa' u mmexxi mill-komunità, il-proġett jisfrutta l-potenzjal mhux sfruttat tagħhom biex jgħaqqad reġjuni remoti, jstimula l-ekonomiji lokali u jipromwovi turiżmu ambjentalment responsabbli u sostenibbli.

Partita PP 07 26 03 — Proġett pilota — Disinn tal-Media Soċjali xprunat miż-żgħażaġh: Media Soċjali Sikura, Inklużiva u ta' Sjieda Pubblika

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Il-media soċjali għandha rwol dominanti fis-soċjetà tagħna. Il-pjattaformi tat-Teknoloġija Kbira bħal Meta, X u TikTok jiddeterminaw dak li jidher fin-news feeds tagħna, jiġifieri kontenut li jiġbed l-attenzjoni u jżommok imwaħħal mal-iskrin tiegħek sabiex iservu r-reklami, li jagħmilha aktar profittabbli għalihom. B'riżultat ta' dan, it-timelines tagħna huma mimlija mibegħda, malizzja, aġitazzjoni, immaġnijiet foloz tal-ġisem, polarizzazzjoni soċjali, u diżinformazzjoni. Meta jitqies li l-media soċjali hija s-sors ewlieni tal-aħbarijiet għal ħafna żgħażaġh, u li dejjem qed tikber għall-popolazzjoni inġenerali, ftit pjattaformi ta' monopolju qed jheddu d-demokrazija tagħna. Sabiex tirreaġixxi, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem fuq Tarka għad-Demokrazija Ewropea biex tissalvagwardja l-proċessi u l-istituzzjonijiet demokratiċi minn theddid estern f'ambjent ta' informazzjoni dejjem aktar kumpless. Fl-istess ħin, din id-dipendenza fuq il-pjattaformi tat-Teknoloġija Kbira hija ta' ħsara għas-sigurtà u l-kompetittività tal-Ewropa.

Iż-żgħażaġh huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-ħsara ta' dawn il-pjattaformi tal-media soċjali mainstream bħala riżultat ta' għażliet tad-disinn bħall-użu ta' tekniki li joħlqu dipendenza u manipulazzjoni algoritmika. Fl-approċċ komprensiv tagħha għas-saħħa mentali, l-UE tenfasizza li ż-żgħażaġh huma partikolarment vulnerabbli għal influwenzi diġitali negattivi. Studji reċenti juru li ż-żgħażaġh bħala medja jqattgħu seba' sigħat kuljum online u wieħed minn kull tliet żgħażaġh jesperjenzaw problemi ta' saħħa mentali, bħall-ansjetà u d-depressjoni, ikkawżati jew iggravati minn pressjoni algoritmika, bullying online u nuqqas ta' privatezza. B'mod partikolari, huwa aktar probabbli li ż-żgħażaġh newrodivergenti jesperjenzaw Użu Problematiku tal-Internet, li jpoġġihom friskju akbar ta' ħsara kkawżata mill-internet. Madankollu, iż-żgħażaġh spiss ma jkollhomx kapaċità li jieħdu azzjoni jew informazzjoni reali dwar kif jitfasslu dawn il-pjattaformi. Billi ninvolvu liż-żgħażaġh b'mod attiv fid-disinn ta' media soċjali alternattiva, nistgħu nifhmu aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti tagħhom u għalhekk nindirizzaw dawn l-isfidi, nikkontribwixxu għat-tiswir ta' spazji online aktar sikuri, u nrittaw t-triq għal pjattaformi diġitali li ġenwinament jagħtu prijorità lis-saħħa mentali u lill-valuri demokratiċi.

F'dawn l-aħħar snin, ġiet stabbilita l-bażi għall-forniment ta' servizzi diġitali essenzjali fejn jistgħu jiġu ssalvagwardjati l-valuri pubbliċi u l-awtonomija strateġika. Ir-Regolament Ewropew adottat f'dawn l-aħħar snin ifittex li jrażżan is-setgħa tat-Teknoloġija Kbira u jiftaħ is-suq għal parteċipanti ġodda. Madankollu, dan waħdu mhux biżżejjed. Is-sejħa mill-pubbliku għal alternattivi għall-media soċjali mainstream ilha tikber f'dawn l-aħħar snin u xhur. L-użu ta' alternattivi bħal dawn jista' jkompli jagħti spinta lil din id-domanda u jappoġġa fehim aktar mifruq li d-dipendenza tal-Ewropa fuq it-Teknoloġija Kbira mhijiex inevitabbli u li s-sovranià teknoloġika tista' tinkiseb. Dan jista' johlq art fertili għall-iżvilupp ta' alternattivi Ewropej ta' teknoloġija medja li jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa.

Matul dawn l-aħħar 15-il sena tfaċċaw alternattivi bħal Fediverse u l-protokoll AT: pjattaformi deċentralizzati li jużaw standards u protokoll miftuħa. F'Fedivers, l-ebda parti ma tistabbilixxi r-regoli; kull organizzazzjoni jew komunità li tmexxi s-server (nodu) tagħha stess hija koproprietarja tal-ekosistema. Dawn il-pjattaformi deċentralizzati jwiegħdu esperjenza anqas estrattiva, aktar

immexxija mill-komunità u spazji tal-media soċjali potenzjalment aktar sikuri u aktar sani. Hemm opportunitajiet ċari, iżda l-isfidi biex tiġi promossa adożzjoni mifruxa jipprevalu. Permezz tal-għotjiet "fediversity" fl-ambitu tal-Internet tal-Ġenerazzjoni li Jmiss, il-Kummissjoni Ewropea ilha tappoġġa b'mod attiv l-iżvilupp tal-Fediverse. Dan l-appoġġ s'issa kien iffukat fuq l-infrastruttura sottostanti. Dan il-proġett pilota jrid jikkontribwixxi biex jingħelbu l-ostakli varji u jappoġġa l-iżvilupp ta' applikazzjoni ta' użu dirett mill-utenti.

Objettiv:

Il-proġett pilota għandu l-għan li joħloq u jittestja prova tal-kunċett għal pjattaforma tal-media soċjali bbażata fuq Fediverse/il-Protokoll AT li:

1. tiffoka fuq is-saħħa mentali, hija mfasla biex timminimizza l-effetti psikoloġiċi negattivi u trawwem interazzjonijiet pożittivi;
2. tiżgura l-awtonomija diġitali billi tibni fuq teknoloġija etika u ċentrata fuq il-bniedem;
3. tapprofondixxi l-fehim tal-ħtiġijiet tal-utenti permezz tal-kreazzjoni konġunta minn żgħażagħ minn sfondi differenti;
4. tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' media soċjali alternattiva bbażata fuq Fediverse/il-protokoll AT f'konformità mar-regolamentazzjoni tal-UE billi turi l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' alternattivi.

Approċċ:

1. Id-disinn parteċipattiv se jitmexxa miż-żgħażagħ, bi studenti minn istituzzjonijiet edukattivi u livelli differenti mistiedna jikkontribwixxu l-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom fid-disinn, l-arkitettura, il-privatezza u ċ-ċibersigurtà. L-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili se jipprovdw għada u appoġġ.
2. Il-pjattaforma tadotta protokoll miftuħa bħal ActivityPub jew il-Protokoll AT biex tiżgura kompatibbiltà mal-infrastruttura Fediverse eżistenti biex tippermetti l-iskalabbiltà.
3. Iż-żgħażagħ se jiżviluppaw prototipi f'sessjonijiet ta' kreazzjoni konġunta, iggwidati minn esperti mill-oqsma tat-teknoloġija, il-litteriżmu medjatiku, id-disinn, u l-innovazzjoni tas-soċjetà. Enfasi fuq karatteristiċi li jappoġġaw il-benesseri u s-saħħa mentali hija ċentrali għal din il-fażi. Newrologi, psikologi u professjonisti rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa se jiġu kkonsultati;
4. Il-Prova tal-Kunċett se tiġi ttestjata miż-żgħażagħ f'diversi pajjiżi tal-UE, b'enfasi fuq is-sikurezza, il-faċilità għall-utent, u s-saħħa mentali. Il-feedback jiġi integrat kontinwament, u jirfina d-disinn tal-pjattaforma.
5. Is-sejbiet u l-metodoloġiji kollha jiġu kondiviżi pubblikament, u jippermettu lil oħrajn jirreplikaw jew jibnu fuq l-eżiti tal-proġett.

Eżiti mistennija:

1. Prova tal-Kunċett għal pjattaforma tal-media soċjali bbażata fuq Fediverse/il-protokoll AT li tippromwovi s-sodisfazzjon, il-benesseri u l-benefiċċji għas-soċjetà fit-tul għall-utenti;
2. Fehim aħjar tal-ħtiġijiet tal-utenti taż-żgħażagħ f'media soċjali sikura u inklużiva;
3. L-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ permezz ta' innovazzjoni diġitali prattika u parteċipazzjoni attiva fid-disinn tal-pjattaforma tal-media;
4. Rakkomandazzjonijiet ta' Politika għat-tiswir ta' spazji tal-media soċjali, l-iżvilupp ta' xenarju tal-media soċjali interoperabbli u kompetittiv, l-appoġġ għas-saħħa mentali, u s-salvagwardja tal-valuri demokratiċi.

Partita PP 08 26 01 — Proġett pilota — "Lura għall-għeruq": it-tisħiħ tal-aċċess għall-ikel u l-inizjattivi għad-demokrazija dwar l-ikel madwar l-UE

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Kif iddikjarat fil-"Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel" ippreżentata mill-Kummissarju Hansen, "Ir-relazzjoni tal-konsumaturi mal-ikel evolviet. L-ikel huwa iktar ipproċessat, id-drawwiet tal-ikel qed jinbidlu u l-ktajjen tal-provvista saru itwal u iktar kumplessi. Fl-istess ħin, l-affordabbiltà tal-ikel għadha tħassib kbir, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Filwaqt li r-rabta bejn il-biedja, l-ikel u t-territorju ddgħajfet, l-aspettattivi soċjetali li qed jinbidlu fir-rigward tal-ikel joffru opportunitajiet għas-settur. Għalhekk, huwa importanti ħafna li nerġgħu lura għall-"għeruq" u nerġgħu nistabbilixxu r-rabta bejn l-ikel, it-territorju, l-istaġjonalità, il-kulturi u t-tradizzjonijiet lokali."

Biex jilqa' din l-isfida, il-Proġett jidentifika lakuni fl-"għarfien" u fil-"kapaċità" fir-rigward tal-possibbiltà li l-konsumaturi ("dawk li jieklu") jaċċessaw l-ikel u jinvolvu ruħhom fl-ambjenti tal-ikel tagħhom. Tali lakuni huma problematiċi fir-rigward tat-titjib tal-introjtu tal-bdiewa fil-katina tal-valur agroalimentari billi jingħata aċċess għal prodotti mibjugħa bi prezz ġust lil sezzjoni usa' tal-popolazzjoni. Dan il-proġett pilota għalhekk jipproponi approċċ komprensiv b'azzjonijiet komplementari: inventarju tal-aċċessibbiltà tal-ikel madwar l-UE, il-ħolqien ta' network tal-Kunsilli tal-Politika dwar l-Ikel u l-iżvilupp ta' Pjattaforma ta' skambju għan-network.

A. Inventarju tal-Aċċessibbiltà għall-Ikel u l-Ambjenti tal-Ikel fl-UE

Filwaqt li l-Politika Agrikola Komuni u skemi oħra tal-UE jikkontribwixxu għad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel fl-UE, xi ċittadini għadhom isibuha diffiċli biex jaċċessaw ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa. Dan mhuiwix dovut għal nuqqas ta' produzzjoni, li hija cbizżejjed fil-livell tal-UE, iżda jew għal raġunijiet ta' affordabbiltà, jew għal mistoqsijiet relatati mal-aċċess fiżiku u l-ambjenti tal-ikel.

Bħalissa, ma hemm l-ebda data armonizzata fil-livell tal-UE dwar l-aċċessibbiltà fiżika tal-ikel, u l-istatistika eżistenti tkopri prinċipalment l-affordabbiltà fil-livell tal-Istati Membri. Dan jagħmilha diffiċli biex jiġu identifikati d-disparitajiet reġjonali jew biex jitfasslu politiki mmirati biex jittejjeb l-aċċess għal dieti tajbin għas-saħħa.

Peress li diġà għaddej studju imwettaq mid-DĠ AGRI li jiffoka fuq l-affordabbiltà tal-ikel, dan il-Proġett se jgħin biex jimtela l-vojt fl-għarfien dwar l-aċċessibbiltà tal-ikel lil hinn mill-affordabbiltà, billi:

1. jimmappja d-disparitajiet reġjonali fl-aċċessibbiltà tal-ikel, inkluż l-aċċess fiżiku għall-ikel;
2. jiżviluppa għodod u indikaturi standardizzati biex jiġu vvalutati l-ambjenti tal-ikel u l-impatt tagħhom fuq l-aċċess, li jikkomplementaw id-data eżistenti tal-UE dwar id-disponibbiltà u l-affordabbiltà;
3. jidentifika l-lakuni fil-politika u jissuġġerixxi rakkomandazzjonijiet għal approċċ aktar b'saħħtu madwar l-UE kollha għall-aċċessibbiltà tal-ikel, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli, mingħajr ma jiġi dduplikat l-istudju li għaddej tad-DĠ AGRI dwar l-affordabbiltà.

B. Stabbiliment ta' Network madwar l-UE kollha ta' "Kunsilli tal-Politika dwar l-Ikel" Lokali

It-titjib tal-aċċess għall-ikel jeħtieġ impenn lokali u governanza kollettiva tas-sistemi tal-ikel. Dan il-proġett pilota jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-klijenti jridu jaqdu fit-tranżizzjoni, billi fil-livell lokali tiġi sfruttata s-setgħa trasformattiva tad-djalogu bejn l-atturi kollha tul il-katina alimentari,

mill-produtturi sal-konsumaturi ("dawk li jieklu"). L-inizjattivi tad-demokrazija tal-ikel bdew jitfaċċaw madwar l-Ewropa, jew iffinanzjati pubblikament, bħal dawk maħluqa wara l-Patt ta' Milan dwar il-Politika Urbana dwar l-Ikel, jew inkella fil-livell lokali, bħal fondi lokali li jesperimentaw bis-Sigurtà Soċjali tal-Ikel.

Il-Proġett se jrawwem l-involvement lokali fil-governanza tas-sistema tal-ikel, filwaqt li jiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu u jinfluwenzaw aħjar l-ambjenti tal-ikel tagħhom, billi:

1. jidentifika u jimmappa inizjattivi eżistenti tal-"Kunsilli tal-Politika dwar l-Ikel" u inizjattivi simili, filwaqt li jivvaluta l-mudelli ta' governanza tagħhom u l-impatt tagħhom fuq l-ambjenti tal-ikel;
2. jipprova appoġġ finanzjarju u tekniku għall-ħolqien ta' kunsilli lokali ġodda fejn ma jeżisti l-ebda kunsill, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-kunsilli jinkludu diversi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari "dawk li jieklu" minn unitajiet domestiċi b'nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, flimkien ma' bdiewa u bejjieġha bl-imnut żgħar;
3. jiżviluppa pjattaforma diġitali fil-livell tal-UE biex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli tal-Politika dwar l-Ikel/inizjattivi lokali dwar id-demokrazija tal-ikel, u dawk li jfasslu l-politika, li tippermetti l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tixrid tal-aħjar prattiki fi Stati Membri differenti.

Artikolu PA 01 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 150 000	1 575 000			3 150 000	787 500

Partita PA 01 26 01 — Azzjoni preparatorja — Navvanzaw l-azzjonijiet lokali għall-għanijiet globali: l-ingranaġġ tal-għarfien lokali għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell sottonazzjonali tal-UE

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 800 000	900 000			1 800 000	450 000

Kummenti:

Hekk kif qed toqrob l-iskadenza tal-Aġenda 2030, huwa importanti aktar minn qatt qabel li nimxu lil hinn mill-monitoraġġ għall-azzjoni trasformativa. Din l-azzjoni preparatorja (PA) se tiffoka fuq l-immappjar u l-analiżi sistematiki tal-politiki, tal-mekkaniżmi ta' governanza, u tal-istrateġiji implimentati biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-livell subnazzjonali fl-Ewropa. Se tesplora firxa vasta ta' data testwali mir-Rieżamijiet Lokali Volontarji, minn dokumenti ta' politika lokali u reġjonali, u sorsi rilevanti oħra biex jiġu identifikati, analizzati u kklassifikati l-azzjonijiet konkreti u l-oqfsa strateġiċi u ta' governanza sottostanti li l-gvernijiet lokali u reġjonali fl-Ewropa qed jużaw biex jimplimentaw l-SDGs. Permezz tal-immappjar ta' dawn l-azzjonijiet u l-approċċi ta' politika assoċjati, u l-estrazzjoni tal-intuwizzjonijiet, l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tipprovi lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE, nazzjonali u subnazzjonali b'analiżi komprensiva tal-karatteristiki distintivi, l-interkonnessjonijiet u t-twiddib relatati mal-implimentazzjoni tal-SDGs u t-fassil tal-politika fil-livell subnazzjonali.

Fil-qalba ta' din l-azzjoni preparatorja l-ġdida hemm l-iżvilupp ta' pjattaforma online biex tintwera, tiġi analizzata u mxerrda l-firxa wiesgħa ta' sforzi ta' implimentazzjoni tal-SDGs madwar l-Ewropa. Din il-pjattaforma se tipprovi:

- repożitorju magħżul ta' Prattiki u miżuri ta' politika azzjonabbli, kategorizzat skont l-għanijiet, ir-reġjuni u r-raggruppamenti tematiċi.
- għodod analitiċi biex jiġu esplorati l-interkonnessjonijiet bejn l-azzjonijiet u l-politiki, li jiżvelaw kif l-impatt mistenni tal-azzjonijiet individwali jista' jissaħħaħ aktar permezz ta' approċċi integrati għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika.
- dokumenti ta' sintesi ad hoc dwar il-politika u għarfien analitiku bbażat fuq l-evidenza sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma ta' dawk li jfasslu l-politika Ewropea u sottonazzjonali.

L-azzjoni preparatorja se tiddependi fuq il-parteċipazzjoni tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri tal-UE, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati f'diversi livelli ta' governanza tal-SDGs, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-iskalabbiltà u t-trasferibbiltà tas-sejbiet tal-proġett.

Il-passi proposti li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tal-AP huma:

1. il-ġbir u l-analiżi tal-azzjonijiet tal-SDGs irrapportati u l-miżuri ta' politika u l-arranġamenti ta' governanza relatati mir-Rieżamijiet Lokali Volontarji, l-istrateġiji reġjonali u d-dokumenti ta' politika.
2. l-iżvilupp ta' qafas għall-kategorizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-azzjonijiet u l-politiki skont l-għanijiet, il-miri u r-reġjuni tal-SDGs.
3. l-analiżi tal-azzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' governanza biex jidentifikaw ix-xejriet, il-prattiki innovattivi, u l-interkonnessjonijiet bejn ir-reġjuni u l-SDGs.

4. it-twettiq ta' analiżi tal-lakuni biex jiġu enfasizzati oqsma li jeħtieġu sforzi addizzjonali u strumenti ta' appoġġ għall-politika.
5. l-espansjoni tal-pjattaformi online attwali tad-disseminazzjoni, l-analiżi u l-viżwalizzazzjoni tad-data ħalli din twassal għal repożitorju komprensiv ta' azzjonijiet u politiki sottonazzjonali tal-SDGs b'għodod analitiċi u ta' viżwalizzazzjoni avvanzati.
6. il-validazzjoni tas-sejbiet permezz ta' konsultazzjonijiet ma' esperti akkademiċi kif ukoll ma' gvernijiet lokali u reġjonali.
7. il-produzzjoni u t-tixrid ta' għarfien politiku bbażat fuq l-evidenza lill-partijiet ikkonċernati lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej (il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, u l-Kumitat tar-Reġjuni).
8. il-proposta ta' pjan direzzjonali għall-iskalar u l-integrazzjoni tas-sejbiet tal-azzjoni preparatorja f'oqfsa ta' politika tas-sostenibbiltà robusti u koerenti madwar l-UE, inklużi rakkomandazzjonijiet għal inizjattivi leġislattivi jew ta' finanzjament futuri biex jiġu appoġġati l-isforzi ta' implimentazzjoni lokali.

Partita PA 01 26 02 — Azzjoni preparatorja — Metodoloġiji Ġodda għall-Valutazzjoni tal-Inugwaljanzi

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 350 000	675 000			1 350 000	337 500

Kummenti:

F'dinja li qed tinbidel malajr, l-UE teħtieġ approċċi ġodda, komprensivi u sistematiċi biex tivvaluta l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali madwar l-Istati Membri. Minkejja li hemm sorsi ta' data eżistenti dwar id-distribuzzjoni tal-ġid, il-koeżjoni u l-kapital soċjali, dawn għadhom frammentati, spiss skaduti u insuffiċjenti biex wieħed jifhem l-ambitu sħiħ tal-inugwaljanza u jevalwa l-impatt ta' ċerti politiki u l-effettività tal-miżuri biex jindirizzawha.

L-Azzjoni Preparatorja "Metodoloġiji Ġodda għall-Valutazzjoni tal-Inugwaljanzi" tnaqqas dan id-distakk billi tikkomplementa s-settijiet tad-data u t-tabelli ta' valutazzjoni eżistenti b'data u metodi ta' riċerka ġodda u kreattivi biex jiġu vvalutati l-inugwaljanzi. Dawn jinkludu approċċi ta' "Big Data", bl-użu ta' sorsi ta' data alternattivi (eż. data testwali, data amministrattiva) u tekniki bħal: l-immudellar avvanzat b'aġenti eteroġeni, l-Ipproċessar tal-Lingwi Naturali (NLP), tekniki ekonometriċi mhux lineari (pereżempju Networks Newrali Bayesjani) jew mudelli trasformaturi biex jipprovdu għarfien robust, konsistenti u f'ħin reali dwar id-diversi dimensjonijiet tal-inugwaljanza. Dan l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza bl-użu ta' oqfsa analitiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku jagħti s-setgħa lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw politiki aktar immirati u effettivi u jantiċipaw il-ħtieġa għal oħrajn ġodda, filwaqt li jindirizzaw l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali b'mod olistiku.

L-azzjoni preparatorja jkollha wkoll rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali. Permezz tal-ittestjar ta' approċċi li kapaċi jikxfu dimensjonijiet tal-inugwaljanza viżibbli u moħbija, din tikkontribwixxi biex jiġu identifikati aħjar il-gruppi l-aktar f'riskju li jibqgħu lura, u b'hekk tippermetti interventi proattivi, biex jiġi żgurat li ħadd ma jiġi eskluż mill-benefiċċji tal-politiki tal-UE.

Barra minn hekk, din tistabbilixxi pedament statistiku għall-kejl tal-kapital soċjali, billi tgħaqqad diversi data ma' tekniki analitiċi ġodda, li jwasslu għal valutazzjonijiet aktar preċiżi tal-koeżjoni soċjali madwar l-Ewropa. B'dan il-mod, din tikkontribwixxi għal distribuzzjoni aktar ekwa tal-opportunitajiet u l-eżiti, filwaqt li trawwem unità akbar u tnaqqas il-potenzjal għall-frammentazzjoni soċjali.

Fl-aħħar nett, l-azzjoni preparatorja tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u l-użu b'mod ġdid u kreattiv tad-data billi jintużaw tekniki ta' Tagħlim Awtomatiku u l-Intelliġenza Artifiċjali, filwaqt li toffri pjattaforma għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u s-soċjetà ċivili biex jikkondividu l-għarfien mill-aktar avvanzat, l-aħjar prattiki u l-mudelli ta' politika ġodda ta' suċċess. Dan l-isforz kollaborattiv jgħin biex il-politiki nazzjonali u tal-UE jiġu allinjati, filwaqt li jiġi żgurat li l-inugwaljanzi jiġu indirizzati b'mod komprensiv, b'risponsi kkoordinati bejn ir-reġjuni u s-setturi.

Fuq terminu twil, huwa kruċjali għas-sostenibbiltà tal-mudell soċjali tal-UE li jkun hemm l-istrumenti t-tajba biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza. L-instabbiltà soċjali xprunata mill-inugwaljanza tista' tgħawwar il-fiduċja pubblika, tixpruna l-polarizzazzjoni u timmina l-valuri demokratiċi. L-azzjoni preparatorja tgħin ukoll biex jittaffew dawn ir-riskji, bl-użu ta' data u tekniki ġodda biex jiġu identifikati forom ġodda ta' inugwaljanza fil-livell lokali li jirriżultaw minn pereżempju l-esponiment differenti għall-perikli ambjentali u t-tibdil fil-klima, id-depopolazzjoni u l-impatt tad-diġitalizzazzjoni. Dan se jappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika biex jimplementaw soluzzjonijiet f'waqthom u effettivi, filwaqt li tiġi żgurata Unjoni Ewropea aktar inklużiva u reżiljenti għall-futur.

Bħala konklużjoni, l-istabbiliment ta' azzjoni preparatorja dwar "Metodoloġiji Ġodda għall-Valutazzjoni tal-Inugwaljanzi" huwa essenzjali għall-avvanz tal-koeżjoni soċjali u ekonomika madwar l-UE. Din tipprovdi l-bażi ta' evidenza meħtieġa għat-tfassil infurmat ta' politika, trawwem kooperazzjoni akbar fost l-Istati Membri u tiżgura li l-UE tibqa' pijuniera u mexxejja globali fl-indirizzar tal-inugwaljanza. Billi l-ugwaljanza tingħata enfasi ċentrali fil-politika tal-UE, l-azzjoni preparatorja tikkontribwixxi għall-bini ta' futur aktar inklużiv, ġust u sostenibbli għall-Ewropej kollha.

Artikolu PA 02 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Partita PA 02 26 01 — Azzjoni preparatorja — Hub tal-UE għall-Produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (SAF)

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Kummenti:

Objettiv:

Sabiex ikompli jiġi żviluppat u sa fl-aħħar jiġi vvalidat il-kunċett ta' Hub tal-UE awtonomu għall-Produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (SAF) biex jipprovdi kapaċità Ewropea unika u indipendenti li tappoġġa d-dħul fis-suq tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli konformi mar-regoli u mal-istandards tas-sostenibbiltà u tas-sikurezza u tneħħi l-ostakli tekniċi għal użu akbar tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għall-SMEs Ewropej.

Il-Hub tal-UE għall-Produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli għandu jaġixxi bħala miżura ta' akkumpanjament li tista' tappoġġa mil-lat tekniku t-twettiq tal-mandat ambizzjuż tar-ReFuelEU Aviation mingħajr dipendenza fuq fatturi u atturi esterni u mhux tal-UE. Se jiżgura innovazzjoni u kompetittività ewlenija għall-SMEs, għall-iżviluppaturi tat-teknoloġija, kif ukoll għall-produtturi tal-fjuwils li jiżguraw l-innovazzjoni u l-kompetittività ewlenija.

Sfond u Raġunijiet Ġustifikattivi

Il-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (SAF) huma importanti biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-settur tal-avjazzjoni. Madankollu, il-proċess kumpless tal-iżvilupp u l-ostakli tekniċi jillimitaw l-adozzjoni fuq skala kbira tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli. Bħalissa, il-produtturi tal-fjuwils iridu jinnavigaw proċeduri u rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza diversi u frammentati, li joħlqu ineffiċjenzi u dewmien biex il-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli Ewropej jitqiegħdu fis-suq.

Bħalissa, il-programmi primarji ta' riċerka u standardizzazzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli għad-dħul fis-suq ta' fjuwils ġodda jitwettqu fl-Istati Uniti. Dan l-arranġament johlq sfidi sinifikanti għall-partijiet ikkonċernati Ewropej, speċjalment l-SMEs, minħabba l-kumplessità, il-kost, u l-ostakli ġeografiki assoċjati mal-aċċess għal dawn il-proċessi. L-SMEs Ewropej jiffaċċjaw diffikultà partikolari biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi u regolatorji kumplessi mingħajr appoġġ lokalizzat.

Ambitu tal-Proġett:

1. Definizzjoni tal-qafas operazzjonali, tal-istruttura ta' governanza, u tal-ambitu għal Hub tal-UE finanzjarjament awtosuffiċjenti għall-Produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli. Identifikazzjoni u analiżi tal-aħjar Prattiki mill-proċessi eżistenti u mill-istandards internazzjonali. Immappjar tal-programmi ta' riċerka u tar-riżorsi tekniċi eżistenti tal-UE biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-Hub. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-isfidi speċifiċi li l-SMEs Ewropej jiffaċċjaw biex jinnavigaw il-proċessi għad-dħul fis-suq ta' tipi ġodda ta' fjuwils.

2. Tfassil ta' qafas pilota biex jiġi vvalidat il-mudell awtosuffiċjenti ta' Hub permezz ta' studji ta' każijiet fid-dinja reali mal-produtturi tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli. Involvement mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, inklużi l-produtturi tal-fjuwils, il-korpi tar-riċerka u taċ-ċertifikazzjoni, u l-aġenziji regolatorji, biex jiġu vvalidati r-rekwiżiti finanzjarji, tekniċi u operazzjonali. Żgurar ta' enfasi partikolari fuq il-forniment ta' perkorsi aċċessibbli għall-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli u gwida teknika għall-SMEs.

3. Ħolqien ta' linji gwida tekniċi u settijiet ta' għodod għall-produtturi tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli biex tiġi ssimplifikata l-konformità mal-istandards tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà u mar-regoli għad-dħul fis-suq ta' tipi ġodda ta' fjuwils. Żvilupp ta' bażi ta' għarfien komprensiva dwar il-perkorsi ta' kwalifika, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u l-oqfsa regolatorji tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli. Riżorsi ddedikati u gwida mfassla apposta pprovduti biex jgħinu lill-SMEs jissodisfaw ir-rekwiżiti.

4. Riżultati mistennija:

- Qafas operazzjonali u mudell ta' governanza għal Hub tal-UE finanzjarjament awtosuffiċjenti għall-produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli.
- Rapport dwar l-ostakli u s-soluzzjonijiet proposti marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tipi ġodda ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli, b'enfasi fuq sfidi speċifiċi għall-SMEs.
- Sett ta' għodod u linji gwida komprensivi għall-produtturi tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli, inkluż appoġġ imfassal apposta għall-SMEs.

5. Minbarra dan ta' hawn fuq, it-tlestija b'suċċess tal-proġett se twassal għal:

- Diversità mtejba tal-fjuwils: b'perkorsi addizzjonali kwalifikati ta' produzzjoni tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli, l-industrija Ewropea tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli tibbenefika minn firxa aktar diversa ta' materja prima u teknoloġiji, li jiżguraw ir-reżiljenza kontra t-tfixkil.
- Rendimenti mtejba tal-produzzjoni tal-fjuwils: attivitajiet ta' riċerka addizzjonali jgħinu lill-produtturi tal-fjuwils jottimizzaw ir-rendimenti tal-produzzjoni tagħhom għall-użu mmirat tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli fl-avjazzjoni. Dan se jwassal għal benefiċċju fit-tul ta' tnaqqis fil-kostijiet tal-fjuwil għall-operaturi.

– Kapaċitajiet ta' R&Ż imsaħħa: infrastruttura Ewropea msaħħa tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-fjuwils twassal għal aktar innovazzjoni, u potenzjalment tpoġġi lill-Ewropa bħala mexxejja globali fir-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli.

- Perkorsi ġodda ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli "Made-in-EU": teknoloġiji ġodda tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli rikonoxxuti internazzjonalment iddisinjati u prodotti fl-Unjoni, li jwittu t-triq għall-awtonomija Ewropea permezz ta' ekosistema vibranti tal-iżviluppaturi u tal-produtturi tat-teknoloġija fil-qasam tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli. Dan jinkludi ttestjar b'suċċess fuq skala sperimentali ta' mill-anqas perkors wieħed ġdid tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli "Made-in-EU".

Partita PA 04 24 02 — Azzjoni preparatorja — Terminali innovattivi tal-utenti ta' servizzi siguri Ewropej ta' komunikazzjoni bis-satellita

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	2 000 000	p.m.	2 000 000	30 000 000	17 000 000	p.m.	2 000 000	30 000 000	9 500 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni hija maħsuba biex tippermetti l-adozzjoni f'waqtha tas-servizzi ta' konnettività sigura tal-ispazju pprovduti minn IRIS² u GOVSATCOM, biex b'hekk jimtela l-vojt fil-kapaċità industrijali tal-Unjoni biex jiġu żviluppati terminali tal-utenti għat-trażmissjoni bis-satellita bi prestazzjoni għolja, irħas u siguri.

Bħalissa l-Unjoni qed timplimenta miżuri biex tipprovdi lill-gvernijiet u liċ-ċittadini b'konnettività sigura bis-satellita, permezz tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (IRIS²) u l-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. Dawn is-servizzi se jkunu bbażati fuq ġenerazzjoni ġdida ta' satelliti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bl-użu ta' orbiti, frekwenzi u karatteristiki tas-sinjali li għadhom ma ntużawx mill-atturi tal-industrija Ewropea. L-użu effettiv ta' dawn is-servizzi għalhekk jiddependi fuq id-disponibbiltà fil-pront tat-terminali u r-riċevituri tal-utenti li jkunu kompatibbli ma' tali karatteristiki. Tali terminali u riċevituri huma partikolarment importanti għas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita emerġenti li jikkombinaw kapaċitajiet terrestri u dawk ta' komunikazzjoni bis-satellita bla xkiel, pereżempju fis-settur tal-karozzi.

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa għalhekk li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal industrija kompetittiva biex tiżviluppa terminali li jistgħu jiġu kummerċjalizzati bi sforz addizzjonali minimu, u b'hekk il-produzzjoni u l-penetrazzjoni fis-suq ikunu jistgħu jseħħu bl-użu ta' standards miftuħa.

B'mod partikolari, l-azzjoni se tappoġġa lill-kumpaniji biex jilħqu l-maturità u jkollhom pjan kummerċjali sod biex jipprovdu terminali tal-utenti għat-trażmissjoni bis-satellita bi prestazzjoni għolja, irħas u siguri. Tali terminali jkunu jistgħu:

- jintegraw sistemi u orbiti multipli, inklużi satelliti mhux ġeostazzjonarji f'orbiti dinjiji baxxi u possibbilment medji;
- jużaw il-frekwenzi IRIS² (inkluża Ka-gov);
- jkunu adattati kemm għas-servizzi kummerċjali kif ukoll dawk governattivi pprovduti mill-IRIS²;
- jintegraw networks terrestri, standards 5G u possibbilment applikazzjonijiet tal-IoT;
- jipprovdu soluzzjonijiet kompluti;

- jadottaw il-karatteristiċi sikuri IRIS² kollha.

Jekk tirnexxi fl-ewwel sena, l-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ inkrementali għal sejħiet kompetittivi fi tliet fażijiet:

- 2024: EUR 5M għall-fażi ta' prova tal-kunċett u l-iżvilupp ta' każ tan-negozju;
- 2025: EUR 25 miljun għall-iżvilupp teknoloġiku għall-fażi tal-prototip u tal-kwalifikazzjoni;
- 2026: EUR 30 miljun għall-industrijalizzazzjoni u l-prototipar kummerċjali.

Il-benefiċjarji tal-azzjoni jkunu b'mod partikolari l-industrija downstream tal-Unjoni, inklużi atturi involuti fi Spazju Ġdid bħall-SMEs u n-negozji ġodda.

Id-dipendenzi kritiċi tal-Unjoni f'dawn it-teknoloġiji — essenzjali biex jiġu żgurati l-komunikazzjonijiet tal-forzi armati u l-istituzzjonijiet governattivi Ewropej — jiġġustifikaw l-ammont allokat għal din l-azzjoni preparatorja. Is-sejħiet fi tliet fażijiet jiżguraw perkors tal-investiment koerenti u effettiv biex jintlaħqu l-oġettivi tal-azzjoni.

Artikolu PA 04 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				7 000 000	3 500 000			7 000 000	1 750 000

Partita PA 04 26 01 — Azzjoni preparatorja — Inizjattiva għall-portijiet spazjali integrati tal-UE

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Kummenti:

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-importanza strateġika ta' aċċess awtonomu għall-ispazju. Huwa prerekwiżit għall-awtonomija strateġika tal-UE u element indispensabbli fil-politika spazjali tal-UE. Lil hinn mil-lanċaturi, is-segment terrestri u b'mod partikolari l-portijiet spazjali huma komponenti kritiċi għall-UE, meta jitqies li parti mill-inizjattivi ewlenin tal-UE (Galileo, IRIS²) trid tiġi llanċjata mit-territorju tal-Unjoni. Fl-istess ħin, id-diversifikazzjoni tal-lanċaturi, b'soluzzjonijiet ġodda, tqajjem il-kwistjoni tal-aċċess għall-port spazjali fl-UE.

Azzjoni preparatorja għandha tipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-istrumenti l-ġodda tal-UE meħtieġa u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-iżvilupp tal-portijiet spazjali fl-UE, tiżviluppa kunċetti għal firxa estiża ta' portijiet spazjali tal-UE, inklużi studji tekniċi u ta' tfassil, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, u analiżi tal-aħjar prattiki, u tipprovdi appoġġ finanzjarju mmirat għall-aċċess miftuħ għall-portijiet spazjali tal-UE, timmonitorja l-progress, u tevalwa l-effettività tal-azzjoni tal-UE u b'hekk tqis intervent akbar tal-UE f'dan il-qasam fil-futur.

Partita PA 04 26 02 — Azzjoni preparatorja — Pjattaforma tal-UE għall-Koordinazzjoni tat-Traffiku fl-Ispazju

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

Iż-żieda esponenzjali fis-satelliti attivi, inklużi l-megakostellazzjonijiet, tamplifika r-riskju ta' kollizzjonijiet orbitali u teħtieġ mekkaniżmi ta' koordinazzjoni aktar b'saħħithom. Din l-azzjoni preparatorja tipproponi l-iżvilupp ta' Pjattaforma tal-UE għall-Koordinazzjoni tat-Traffiku fl-Ispazju, bl-għan li tistruttura, tiżgura u tespandi l-koordinazzjoni bejn l-operaturi satellitari, l-

entitajiet pubbliċi, u l-fornituri kummerċjali tal-SSA. Din se tibni fuq is-servizzi eżistenti żviluppati fl-ambitu tal-qafas tal-UE għas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (EUSST).

Objettivi:

Il-pjattaforma tal-UE għall-Koordinazzjoni tat-Traffiku fl-Ispazju se:

- testendi l-koordinazzjoni lil hinn mill-membri tal-EUSST billi tippermetti l-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ewlenija, inklużi dettalji ta' kuntatt u data ta' manuvrar, minn atturi mhux irreġistrati jew internazzjonali;
- tiffaċilita l-iskambju sigur u f'ħin reali ta' informazzjoni, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn livelli differenti ta' awtomatizzazzjoni, mill-koordinazzjoni manwali sal-evitar awtomatizzat ta' kollizzjonijiet;
- issaħħaħ it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità għall-awtoritajiet u l-operaturi nazzjonali, filwaqt li tappoġġa l-prontezza operazzjonali u l-armonizzazzjoni tal-prattiki madwar l-Istati Membri;
- tappoġġa mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni għal servizzi kummerċjali tal-SSA, biex jiġu żgurati l-affidabbiltà, il-fiduċja u r-responsabbiltà f'ambjent pubbliku-privat imħallat;
- tipprevjeni t-tniġġis tad-data, permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi li jivverifikaw data iġestita u jidentifikaw l-inkonsistenzi.
- tikkontribwixxi għall-koerenza fl-użu doppju, f'allinjament mal-Perkors 1 tal-Komunikazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju, li mistennija tiddefinixxi r-rekwiżiti ċivili-militari għall-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju.
- tittestja r-regoli tal-perkors: verifika tal-implimentazzjoni potenzjali tal-abbozz tar-regoli tal-perkors żviluppat permezz tal-proċess ta' standardizzazzjoni tas-CEN.

Kamp ta' applikazzjoni u Implimentazzjoni

L-azzjoni se tistabbilixxi pjattaforma ta' koordinazzjoni potenzjalment ospitata fi ħdan l-arkitettura eżistenti tal-forniment tas-servizzi tal-SST tal-UE u r-rabta mal-utenti permezz tal-front desk (EUSPA). Se tipprijoritizza l-integrazzjoni bla xkiel u tevita d-duplikazzjoni mas-sistemi eżistenti.

Il-każijiet tal-użu jinkludu:

- il-koordinazzjoni bejn l-utenti rreġistrati tal-EUSST u l-operaturi satellitari mhux irreġistrati (pubbliċi, kummerċjali u potenzjalment militari);
- l-iġestjoni ta' data minn entitajiet mhux tal-EUSST;
- il-verifika u l-validazzjoni tal-integrità tad-data qabel l-użu;
- l-istabbiliment ta' eżerċizzji għat-tħejjija tal-operaturi tas-satelliti u taċ-Ċentri Operazzjonali biex jużaw il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, inklużi eżerċizzji f'ħin reali fi stadju aktar tard;
- skambju mal-partijiet ikkonċernati militari biex jiġu ttestjati l-eżiti tar-rekwiżiti ċivili-militari żviluppati fis-sottogrupp wieħed tal-Komunikazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju;
- l-implimentazzjoni ta' sandbox biex jiġi vvalutat l-abbozz tar-regoli tal-perkors li bħalissa qed jiġi żviluppat fi ħdan il-proġett CEN.

Fażijiet ta' Implimentazzjoni:

- Involviment u sensibilizzazzjoni: identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-Istati Membri tal-UE, tal-operaturi kummerċjali, u tal-fornituri tal-SSA (pubbliċi u privati), inklużi l-partijiet ikkonċernati militari;

- Disinn, żvilupp u ttestjar tal-Pjattaforma: żvilupp tas-sistema biex jiġu żgurati l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-interfaċċi tal-utent, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u l-interoperabbiltà meħtieġa ma' sistemi oħra.
- Taħriġ u Bini tal-Kapaċitajiet: żvilupp ta' programmi ta' taħriġ u għodod prattiċi biex jappoġġaw lill-awtoritajiet u lill-operaturi fl-implimentazzjoni tal-prattiki ta' koordinazzjoni tal-l-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju;
- Miżuri ta' Integrità tad-Data u qafas ta' ċertifikazzjoni: identifikazzjoni ta' inkonsistenzi u analiżi tas-sistemi differenti użati mill-partijiet ikkonċernati, u promozzjoni tal-iżvilupp ta' proċess ta' ċertifikazzjoni fil-livell tal-UE għall-SSA, speċjalment għall-fornituri kummerċjali.
- Żvilupp tal-każijiet ta' prova: applikazzjoni tar-regoli tal-perkors għal każijiet konkreti u analiżi tal-eżiti.

Eżiti Mistennija u Viżjoni fit-Tul

- Pjattaforma tal-UE sigura u skalabbli għall-koordinazzjoni tat-traffiku fl-ispazju, konnessa b'mod operazzjonali mal-infrastruttura tal-SST tal-UE.
- Aktar sikurezza u trasparenza fl-operazzjonijiet orbitali, inkluż għal atturi mhux tal-UE u kummerċjali. Reżiljenza u awtonomija Ewropea akbar fl-operazzjonijiet spazjali, konsistenti mal-għanijiet strateġiċi tal-UE.
- Fiducia u responsabbiltà msaħħa permezz ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u integrità tad-data.
- Pass 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni futura tal-Att tal-UE dwar l-Ispazju.

Partita PA 07 25 03 — Azzjoni preparatorja — Ċentru tal-Patrimonju Ewropew b'appoġġ għal segwitu olistiku u kosteffikaċi tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	800 000	p.m.	800 000	1 000 000	1 300 000	p.m.	800 000	1 000 000	1 050 000

Artikolu PA 07 26 — 2026

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Partita PA 07 26 01 — Azzjoni preparatorja — Appoġġ għall-Isport — azzjonijiet sportivi ta' emerġenza għaż-żgħażgħ

Abbozz tal-baġit 2026		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2026		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2026		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2026		Konċiljazzjoni 2026	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

Filwaqt li tibni fuq il-proġett pilota preċedenti ta' suċċess, l-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tkompli programmi ta' emerġenza tal-isport fil-kuntest ta' kriżi umanitarja bħall-gwerra, sabiex tiffaċilita s-superament tat-traumi, l-adattament għal ambjenti ġodda u l-ħolqien ta' rabtiet mal-komunitajiet ospitanti temporanji.

Permezz ta' attivitajiet u interventi sportivi, din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-integrazzjoni komunitarja tat-tfal u ż-żgħażgħ. Permezz tat-titjib fil-benesseri mentali tagħhom billi jattendu sessjonijiet sportivi, dawn l-individwi eventwalment se jkunu lesti li jaġġustaw għall-ambjent il-ġdid tagħhom. L-isport, bis-setgħa tiegħu li jlaqqa' lin-nies flimkien, se jgħin fl-

interazzjoni mal-komunità ospitanti, l-integrazzjoni aktar faċli fis-sistema edukattiva jew id-dħul fis-suq tax-xogħol.

Biex jinkisbu l-aħjar riżultati, dawk il-programmi jeħtieġ li jiġu organizzati fil-livell lokali tad-dilettanti. L-attivitajiet, il-logħob u l-isport iridu jitfasslu sabiex jilhqgħu għanijiet soċjali u psikosoċjali speċifiċi. Jeħtieġ li jkunu adatti għall-età, kulturalment xierqa u jiġu kkunsidrati fir-rigward tar-rwoli tal-ġeneri fil-komunità. Filwaqt li jibnu fuq il-kapaċitajiet fiżiċi eżistenti tal-parteċipanti, kowċis b'esperjenza se jgħinuhom iħossuhom komdi billi jhegħgħuhom jużaw il-ħiliet li diġà għandhom.

Għalhekk, tkun meħtieġa kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sportivi u ċ-ċentri soċjali/psikoloġiċi.

Il-grupp ewlieni fil-mira huwa dak tat-tfal u ż-żgħażaġħ affettwati minn kriżijiet umanitarji u proċessi ta' migrazzjoni tal-massa fil-kuntest tal-gwerra. Dan il-proġett pilota jiġġenera wkoll l-inklużjoni fl-ispazju pubbliku u jippromwovi l-iskambju ta' kulturi u tradizzjonijiet ta' gruppi etniċi differenti.

Sabiex tintlaħaq l-ogħla effettività possibbli, dawk il-programmi għandhom jiġu implimentati fil-livell lokali, bl-involviment ta' pajjiż wieħed biss tal-UE, li mhuwiex possibbli taħt l-azzjonijiet attwali tal-Erasmus+ Sport.